MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta ta' l-1 ta' Marzu, 2010

Numru 574/2009

PULIZIJA
SPETTUR RAYMOND AQUILINA
VS
STEFAN GHIRXI

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat, Stefan Grirxi ta’ 26 sena iben Francis u Joan Jenniferi xebba Sapiano mwieled Pieta’ nhar l-1 ta’ Mejju 1982, residenti 67 “Albatros” Vjal Kottoner, Fgura u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 242882(M).

Illi huwa akkuzat talli, f’dawn il-Gzejjer, fl-10 ta’ Jannar 2009, u fix-xhur ta’ qabel din id-data, meta b’diversi atti maghmulin mill-hati, ukoll jekk fi zminijiet differenti, ikunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi, u jkunu gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda bhala cittadin jew resident

permanenti ta’ Malta, sew jekk f’Malta jew barra minn Malta, kiseb jew kellu fil-pussess tieghu xi ritratt, filmat, *video recording* jew xbieha eletronika ndecenti ta’ persuni taht l-eta liema reat hu aggravat bil-fatt li xi whud minn dawn ir-ritratti, *films*, *video recordings* jew xbiehat eletronici ndicenti juru persuni taht l-eta’ li ma kienux ghalqu d-disa’ snin.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali (a fol.4) u dak ta’ l-imputat (a fol.7) sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni ta’ l-imputat (a fol.5 fir-verbal datat 29 ta’ Lulju, 2009);

Semghet il-konferma ta’ l-istess ammissjoni wara li l-Qorti akkordat lill-imputat zmien ragonevoli ghal ripensament;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi fuq l-istess ammissjoni tieghu, l-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza u wara li rat Artikoli 18 u 208A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta; Artikolu 7 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta’ Malta, tqieghed lill-imputat taht Probation Order ghal perijodu ta’ tlett (3) snin taht is-sorveljanza tad-Direttur tal-Probation Services jew Probation Officer iehor minnu nominat. Illi, in oltre’, l-Qorti tqieghed lill-imputat taht Treatement Order, taht il-psikologa Roberta Holland ghal perijodu ta’ sena, b’dana li l-imputat ghandu jattendi

almenu *session* ta' terapija ta' mhux anqas minn darba fix-xahar, liema *Treatement Plan* qed tithalla f'idejn l-istess psikologa Roberta Holland.

In oltre', l-Qorti tordna l-konfiska u d-distruzzjoni tal-hard disk u tal-materjal pronografiku illi gew misjuba mill-prosekuzzjoni.

Il-Qorti tordna kopja ta' din is-sentenza li tigi notifikata lid-Direttur tal-Probation Services u ohra lil psikologa Roberta Holland.

Il-Qorti akkordat din il-piena wara li hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija ta' l-imputat, il-fatt illi ghandu fedina penali nadifa netta u in vista tal-rezultanzi tar-rapport Dok.RA2 mill-Pulizija tas-Cyber Crime Unit.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------